MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 149/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bernardine Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bernardine Mizzi talli bhala s-sid jew impjegata ta' 'Swatar M&B Ltd' (C21809), bi ksur ta' l-artikoli 43(1)(a) u 18(1) ta' l-Att Dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kap. 409, fit-22 ta' Awwissu, 2008 u fil-granet ta' qabel, fis-Saint Martin's College, Swatar Road, Msida, mexxiet jew ippermettiet it-tmexxija ta' xi attivita` turistika (hostel) minghajr ma kienet fil-pussess ta' licenzja valida mahruga ghalhekk mill-Awtorita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-16 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Bernardine Mizzi mhux hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u lliberatha mill-istess imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali ipprezentat fit-30 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-interita` taghha u minflok tipprovdi u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid billi ssib lill-imsemmija Bernardine Mizzi hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ l-aggravji tieghu l-appellant Avukat Generali qieghed bazikament jitlob li jsir apprezzament mill-gdid tal-provi. Fl-ewwel lok l-appellant jghid illi l-provi tal-prosekuzzjoni juru li l-appellata, qua direttrici ta’ Swatar M & B Ltd kif ukoll qua principal ta’ St. Martin’s College, fid-data ta’ l-akkuza kienet qed takkomoda turisti gewwa l-*premises* li topera minghajr licenzja skond il-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-appellant jirreferi ghax-xiehda ta’ Andre` Zammit li spezzjona l-post u osserva li kienu qeghdin jigu uzati *guest rooms* biex jigu akkomodati turisti li kienu gew Malta jitghallmu l-Ingliz ghal gimaghtejn. Huwa esebixxa *guest list* li jelenka turisti ta’ nazzjonalita` Franciza li kienu qed jigu akkomodati ghall-perijodu bejn it-13 u d-29 ta’ Awissu 2008. Skond l-appellant dawn il-fatti gew ikkonfermati mill-appellata stess. Wara l-ispezzjoni, l-appellata applikat ghal licenzja temporaneja. Fit-tieni lok, l-appellant isostni illi meta l-ewwel Qorti skartat ix-xiehda ta’ l-appellata stess, kienet qed twarrab l-aqwa prova li rnexxielha ggib il-prosekuzzjoni. L-appellant jirreferi ghall-artikoli 18 u 43(1)(a) tal-Kap. 409 u jghid li ghalkemm dak il-Kap. ma fih ebda disposizzjoni espressa

li tittratta r-responsabbilta` tad-diretturi ta' socjetajiet kummercjali, ir-responsabbilta` taghhom tohrog mill-artikolu 13 tal-Kap. 249.

L-appellata tghid li s-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata. Tghid (1) li mhux minnu li hija kienet qed tmexxi *hostel* minghajr licenzja valida kif qed jallega l-appellant; (2) li ma jirrizulta b'ebda mod li hija sid jew impjegata tas-socjeta` M & B Ltd, li kien fuq l-appellant li jipprova 'l hemm minn kull dubju ragjonevoli; (3) li l-imputazzjoni xorta ma tistax tirrizulta peress hija l-principal tal-Kullegg St. Martin's u ai termini ta' l-artikolu 26 tal-Kap. 409 l-artikoli li bihom qed tigi akkuzata ma japplikawx fil-konfront ta' Kullegg.

L-ewwelnett minn dak li xehed Andre` Zammit jirrizulta illi gie elevat dak li huwa sejjah *guest list* minn St. Martin's College, li din il-lista tindika li sar *booking* minn EC College u li hu kellem tlieta minnhom. X'seta' qalulu dawn in-nies u x'setghu qalulu persuni ohra li qal li kellem in konnessjoni ma' l-investigazzjoni li kien qieghed jaghmel huwa kollu *hearsay*.

L-appellata xehdet li hija issa direttrici ta' St. Martin's College imma fi zmien l-ispezzjoni kienet *principal* kienet ilha hekk ghal tmienja u ghoxrin sena. Qalet li meta harget il-licenzja taghhom bhala Kullegg Sekondarju u Post-Sekondarju huma diga` kellhom id-dormitorji fejn kienu jraqqdu l-istudenti taghhom – kemm Maltin kif ukoll ta' nazzjonalitajiet differenti. Fil-fatt qalet li d-*day students* tal-Kullegg gieli jkun hemm programm ta' *weekend* u ghalhekk jorqdu hemm. Spjegat li meta jintbaghtu studenti, bhal ta' l-EC, dawn isiru studenti taghhom. Tghid: "Infatti l-lista li kien qed jirreferi ghaliha ma tghidx EC, tghid St. Martin's College ghax jiena nkun responsabbli ghal dawk it-tfal." Qalet li dawn l-istudenti mhux jorqdu hemm biss izda jitghallmu l-Ingliz hemm u jittiehdu *cultural tours*. Il-lista mhijiex *guest list* izda lista ta' l-istudenti taghhom.

Il-prosekuzzjoni, mela, qed tinsisti li sabiex l-appellata setghet takkomoda nies fil-Kullegg taghha kienet tehtieg

licenzja a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 409, u qed tqis in-nies li hemm indikati fil-lista Dok. AZ1 bhala turisti. L-appellata tghid li n-nies indikati kienu mibghutin mill-EC College izda kienu studenti taghha u mhux ta' l-EC College, u li minn mindu beda jopera l-Kullegg kellha dormitorji li kienu jintuzaw kemm ghat-tfal lokali kif ukoll ghall-barranin.

Is-soluzzjoni tidher li tinsab fl-artikolu 26 tal-Kap. 409. Dan l-artikolu jipprovdi:

**"Ebda haga f'din it-Taqsima ta' dan l-Att ma ghandha tapplika jew ti tqies li tapplika b'xi mod ghal xi monasteru, kunvent, boarding school (li ma tkunx skola li tipprovdi taghlim f'ilsien jew ilsna barranin lit-turisti), <u>kullegg</u> jew istitut ta' karità."** (sottolinear ta' din il-Qorti)

Mela l-legislatur indika li *boarding-schools* li jipprovdu taghlim f'ilsien barrani mhumiex eccettwati. Dwar kulleggi pero` ma jghid xejn. L-iskola ta' l-appellata hi deskritta fil-licenzja bhala "St. Martin's College", jigifieri kullegg, u mhux bhala *boarding school* u liema kullegg jista' jopera fil-livell sekondarju/post-sekondarju. L-appellata ma gietx kontradetta meta qalet illi dan il-kullegg kellu d-dormitorji mill-bidu nett u, anzi, li sahansitra estendewhom. Mhijiex kontradetta lanqas meta qalet illi l-lista kienet ta' studenti mibghutin mill-EC izda bhala studenti taghha, jigifieri tal-Kullegg St. Martin's. U ma giex pruvat li skond il-licenzja taghha mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ma setax ikollha, u naturalment taghmel uzu, mid-dormitorji li kellha fil-Kullegg.

Konsegwentement l-appellant ma rnexxilux jipprova l-htiega ta' licenzja kif pretiza minnu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------